MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 34/K7/2015 |
| Data: | It-Tlieta 25 ta' Awwissu 2015 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | Skuzati | Dr. Alex Sciberras |
| | | Sna Romina Galea |
| | Chairman KAS | Matthew Mangion |
| | Assistant Principal: | Sinjura Sonia Vassallo |

AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 33/K7/2015
2. Materji mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Skart u Riciklagg
7. Kommunikazzjoni minn laqghat li saru
8. Affarijiet ohra jekk urgenti
9. Aggornament

**Seduta Numru 34/15**

1639 Is-Sindku fethet il-laqgha b'talba lil San Guzepp. Minhabba li s-Sur Arthur Perici kien imsiefer minflok kien hemm is-Sinjura Sonia Vassallo.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti 33/K7/2015**

1640 Is-Sur Matthew Mangion (KAS) saqsa jekk fil-minuti ghandux jitnizzel min ikun prezenti waqt il-laqgha apparti c-Chairman.Is- Sindku qalet li ma tara xejn hazin biss se ticcekja mad- dipartiment.

Il-Minuti tas-Seduta 33 gew approvati bil-korrezzjonijiet imressqa.

**2. Materji mil-Minuti**

1641 Materja 1619 – Minflok is-Sur Emanuel Brincat trid tigi s-Sur Matthew Mangion

1642 Materja 1634 – Korrezzjoni minflok Maurica trid tigi Maurice

1643 Matrerja 1630 – Is-Sur Charles Selvaggi baqa' jinsisti li tisjir fil-Pjazza kien sar u zied jghid li xorta baqa ma jaqbilx.

1644 Materja 1615 – Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk kellniex xi risposta. Is-Sindku

qalet li s'issa ma kellna xejn.

1645 Materja 1613 – Is-Sindku qalet li l-Kunsill rcieva korrispondenza minghand Susan Bonello tat-TM fejn qalu li z-zebra crossing qieghda tajba fejn hi. Is-Sur Emanuel Brincat qal biex din il-korrispondenza tinzamm biex jekk jinqala' xi haga' l-Kunsill ikollu x'juri. Il-Kunsill qabel li rridu nergghu niktbu lit-TM, fejn ninfurmawhom li l-Kunsill ma jaqbilx ma din id-decizzjoni u li ser jinzammu responssabli ghal kull accident jew konsegwenzi li jistghu jinqghalu.

1646 Is-Sur Alan Abela Wadge dahal ghal-laqgha 6.00pm.

1647 Materja 1614 – Is-Sur Charles Selvaggi saqsa jekk kellniex xi updates. Is-Sindku qalet li attendit ghal laqgha u li l-perit ser jiccekja mad-dipartiment biex naraw x'hemm bzonn materjal. Is-Sur Emanuel Brincat zied jghid li l-Gibjun kien ghadu ma giex imnizzel fil-BOQ. Is-Sindku qalet li x-xoghol ghandu jibda' fi zmien qarib.

1648 Materja 1617 – Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk it-tabella ta' Triq Garcin gietx imwahhla. Din ghadha ma twahhlitx minaba li ghadd hemm korrispondenza ghaddejja mat- TM.

1649 Materja 1625 – Is-Sur Charles Selvaggi qal li d-decizjoni kienet approvata mil-Kunsill. Is-Sur Emanuel Brincat ghal li kien ghadu ma sar xejn fuqhu.

1650 Materja 1621 – Is-Sur Maurice Agius saqsa kif konna bqajna, pero' x-xoghol ghadu ma sarx.

1651 Materja 1622 – Il-Kunsill qabel li jekk hemm bzonn imorru jkellmuha bi prezenza ta' Pulizija.

1652 Materja 1627 – Is-Sur Charles Selvaggi qal li n-naha ta' l-Universita' d-dawl kien kollu maqtugh. Is-Sur Matthew Agius zied jghid li kien hemm xi dawl maqtugh li jaqa' taht il-Kunsill. Is-Sur Charles Selvaggi tenna li hemm bzonn li naghmluha c-cara li l-skatepark ma taqax taht il-Kunsill u li hemm bzonn niktbu lit-TM forsi l-skatepark tinghata aktar attenzjoni peress li diehel l-istagun tax-xitwa u ma jkunx hemm abbuzi.

1653 Materja 1633 – Is-Sur Maurice Agius gie mwiegeb li t-tindifa bil-powerwash ser isir din il-gimgha.

1654 Materja 1634 - Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk il-mozzjoni kinetx intbaghat. Is-Sindku qalet li s-Sur Perici kellu jibghatha. Is-Sur Charles Selvaggi zied jghid li meta jkun hemm mozzjoni trid tintbghat mill-ewwel.

1655 Materja 1628 – Is-Sur Charles Selvaggi saqsa kif konna bqajna. Il-Kunsill baghat ittra lil Mariella Cutajar tal-Gwardjani Lokali, pero' risposta ghad ma ghandniex.

1656 Materja 1638 – Is-Sur Lino Bartolo saqsa kif il-Kunsill baqa' fuq din il-materja. Is-Sindku qalet li baghatna kollox lil insurance u fejn l-insurance qaltilna biex ma nwiegbu xejn ghalisa qabel ma jaghtuna risposta huma.

## 3. Korrispondenza

1657 41/0951/15 – Is-Sur Matthew Mangion (KAS) saqsa x'kiteb il-Perit fuq l-extension ta' St.Martin's College. Is-Sindku qratlu l-korrispendenza li rcevejna.

1658 41/0955/15 – Is-Sur Maurice Agius semma fuq ir-reserved parking li hemm fi Triq il-Makna tas-Serrar ghaliex fuq l-istess reserved qed ikun hemm tabella ta' No Parking biex hadd ma jkun jista' jipparkja. Is-Sindku qalet li rcevejna minghand TM li din l-imsemmija reserved giet approvata. Is-Sur Emanuel Brincat qal biex meta jkun hemm xi rapporti dawn ghandhom jigu rrapurtati lill-pulizija. Il-Kunsill kompla jzied jghid li kull fejn reserved parking jista' jipparkja kull minn ghandu blue sticker ghaliex tabelli bin- numri tal- karozzi fuqhom suppost ma ghadhomx isiru.

1659 41/1003/15 – Applikazzjoni gdida PA/02983/15 biex garaxx jinqaleb ghal 'public service garage. Il-Kunsill irid jiccekja fuq din l-applikazzjoni u li l-importanti ma jkunx hemm impatt fuq ir-residenti.

1660 41/0980/15 – Rcevejna screening letter ghal Msida St. Joseph FC biex jinhargu l-mwejjed u s-siggijiet. Is-Sur Emanuel Brincat qal biex jintbaghatu l-pjanti necessarji. Is-Sur Charles Selvaggi zied jghid li kwazi l-hwienet kollha qed johorgu l-mwejjed barra basta li mal-lejl ma jhalluhomx barra. Is-Sur Matthew Agius semma wkoll li mad-dawra tal-Knisja qed ikun hemm hafna parking fuq il-bankina

1661 41/0982/15 - Is-Sur Maurice Agius saqsa fejn jinsab dan ir-reserved parking. Qieghed fi Triq ta' Bieb it-Torri. Is-Sur Charles Selvaggi qal li din giet sospiza.

1662 41/1021/15 – Ittra minghand is-Sur Mark Mamo fuq accident fi Triq C. De Brocktorff. Il-Kunsill irid l-ircevuta fiskali biex ikun jista' jmexxi.

1663 Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk kienx hemm talba u apparovazzjoni ghal reserved parking fi Triq Garcin. Is-Sindku qalet li approvazzjoni kien hemm. Is-Sur Maurice Agius issugerrixa li fejn hemm ir-reserved parking hemm cans li l-Kunsill izid parking bay iehor.

1664 41/0964/15,41/1019/15 – Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq il-permess ta' SDM. Il-permessi mehtiega ser jinhargu.

## 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

1665 Fuq Proponiment tas-Sur Lino Bartolo ssekondat mis-Sur Maurice Agius, il-Kunsill approva Eur 22,370.96 ghall-iskeda tal-hlasijiet.

1666 Is-Sur Charles Selvaggi saqsa fuq no. 37- ghaliex is-service tal-van gie daqshekk gholi. Is- Sindku spjegat li hemm kontijiet pendenti sa minn Settembru 2012 ta' meta kien inqaleb il- van fil- maltempata li saret. Hemm ukoll il- kont ta' 2 services.

1667 No. 44 – Id-deskrizzjoni trid tigi Attivita' Kunsill u Banda.

1668 No. 43 – Is-Sur Maurice Agius saqsa li ghaliex giet daqshekk gholja l-ispiza tal-gwardjani lokali fil-festa. Is- sindku spjegat li wara s- 6pm, il- gwardjani ma jistghtux jibqghu wahedhom fuq il-post. (Iridu jkunu 2 )

Il-Kunsill approva dan.

## 5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

1669 Is-Sur Matthew Mangion u s-Sindku ltaqghu ma' sid l-Arkadia u tkellmu fuq l-ilmenti li qed niltaqghu maghhom. Is-Sur Emanuel Brincat qal li meta qed ikun hemm il-vannijiet tad-delivieres c-centru qed ikun maghluq. Is-Sur Matthew Mangion qal li ser jingiebu xi quotes fuq it-tapit tal-bandli u li forsi nkunu nistghu nigbru xi donazzjoni minghand is-sidien tal-hwienet. Il-Kunsill qabel li nibghatu ittra liz-zewgt hwienet, pero' l-ewwel trid tintbaghat lil tal-Maypole u ninfurmaw lill-Arkadia wkoll.

1670 Rigward il-bollards li hemm fuq il-Promenade Swatar, is-Sur Emanuel Brincat ser jiltaqa' mal-kuntrattur.

## 6. Kommunikazzjoni minn laqghat li saru

1671 Is-Sur Lino Bartolo qal li t- tahdieta li saret ghal- anzjani dwar prevenzzjoni tal-kriminalita mal-Pulizija kien hemm approach tajjeb.

## 7. Affarijiet ohra jekk urgenti

1672 Is-Sindku qalet li r-rampa li kellhom jaghmlu tat-TM qed issir.

1673 Is-Sur Lino Bartolo qal biex inkellmu lil ta' l-Avis fuq it-trukk tieghu. Is-Sur Emanuel Brincat propona biex niktbu lit-TM biex fejn il-Monument tal-Haddiem jigi parking ghal 'Light Vehicles Only' .

Is-Sindku qalet li qed tistenna laqgha mal-pulizija fejn ser tavzahom rigward il-parking li qed ikun hemm fejn il-Monument.

1674 Is-Sur Matthew Aguis qal li applika ghal twinning. Is-Sindku ziedet li ahna mhux ha nkunu leaders u ghaldaqstant il-Kunsill mhux ha jkollu spejjez.

1675 Is-Sur Maurice Agius semma' r-Rockestra Billboard li hemm f'Xatt l-Imsida peress li dan qiegħed ta' periklu u n-nies ma jkunux jistgħu jaqsmu sewwa minħabba il-mod kif ġie pożizzjonat. Issuġġerixxa li meta jitneħħa dan il-billboard minn floku jitpoġġew xi pjanti. Issemmiet ukoll li fil-parking bay li fih ma jistgħux jipparkjaw vetturi kbar qed ikun hemm karozzi pparkjati bin-numri tal-mobile fuqhom kif ukoll trakk bir-reklam fuqu. Is-Sindku se tirreferi l-każ lill-Uffiċjal Awtorizzat fir-Reġjun Ċentru. Is-Sur Emanuel Brincat qal li jeħtieġ li jkun esplorat li jitwaħħlu tabelli bil-għan li l-Gwardjani Lokali jkunu jistgħu jinfurzaw il-liġi fuq kwalunkwe' abbuż.

1676 Is-Sur Maurice Agius qal biex naghmlu talba lit-TM biex isir pole iehor bit-traffic lights ftit aktar il' quddiem.

1677 Is-Sur Maurice Agius semma wkoll ir-rampi li hemm fi Triq it-Tabib R. Naudi u fi Triq M. Dandria. Fuqhom ghadu ma sar xejn. Il-Kunsill issugerixa li nibghatu lis-Sur J. Demarco fuq il-post biex jiccekja u wara nibghatulhom ittra.

1678 Is-Sur Alan Abela Wadge qal li l-mera li hemm fi Triq il-Knisja k/m Triq Mons. Dandria qieghda dejjem tigi mdawwra. Il-Kunsill issugerixxa biex inkellimhu lis-sid tal-Corner Butcher biex naraw jekk nistghux nwahhlu l-mera ma' bracket.

1679 Is-Sur Alan Abela Wedge qal li sar xi xoghol f'dar privata fi Triq il-Makna tas-Serrar u li quddiemu hemm il-bankina mkissra. Ser nibghatu lis-Sur Joe Demarco fuq il-post u nkellmu lis-sid li l-bankina tigi rrangata.

1680 Is-Sur Matthew Agius qal li fi Triq C. De Brocktroff kien qed isiru xi xoghol minn tal-Go u li kien qed jghalqu t-toroq minghajr gwardjan lokali.

1681 Is-Sur Charles Selvaggi semma l-issue tal-Kariga ta' Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Charles Selvaggi qal li hemm bzonn nohorgu call. Is-Sindku qalet li biex nohorgu call for application irridu nistennew sakemm ikun hemm Pool tas-Segretarji Godda, ghaldaqstant ghalisa jrid jinhatar Agent Segretarju iehor.

1682 Is-Sur Charles Selvaggi saqsa fuq il-permessi tal-bankini. Is-Sur Emanuel Brincat qal li ghandu jkellem lill-kuntrattur biex jitkellem mat-TM ghax Il- permessi hargu.

1683 Is-Sur Charles Selvaggi semma li fi Triq G. Zammit qed jghaddu hafna coaches b'konsegwenza li f'Msida Circus qed ikun hemm kongestjoni tat-traffiku.

1684 Is-Sur Charles Selvaggi qal li fi Triq Victor Denaro k/m Triq G. Schranz hemm

parapet ta' dar kollu hmieg. Il-Kunsill qallu li dan l-ilment jaqa' f'iden il-Pulizija.

1685 Is-Sur Charles Selvaggi ssuggerixxa biex nibdew norganizzaw korsijiet 'Healthy Living'. Is-Sindku qalet li l-Kunsill organizza korsijiet bhal dawn mal-Health Promotion, pero' li gara l- kmamar gew kollha mehudin b'korsijiet ohra, min ikollu bzonn xi parir, il- berga taghti dan is- servizz ukoll.

1686 Is-Sur Matthew Agius qal biex fi Triq il-Wied issir 'No U Turn' fic-central strip li Hemm ftit 'il fuq il-pont.

1687. Is-Sur Alan Abela Wadge semma jekk sarx xi haga fuq l-sleeping police ta' Triq Antonio Bosio. Is- Sindku wiegbet li giet ordnata.

1688. Is-Sur Maurice Agius qal biex nibghatu ittra lil Manchester Club biex ma Jinharigx skart il-Hdud.

**8. Aġġornament**

Il-laqgha ntemmet fit-7.45pm u sar qbil li l-laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru 2015.

Approvati llum ____________________________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Arthur Perici
Aġent Segretarju Eżekuttiv